Alfred Buttigieg

# Ir-Rewwixta tal-Qassisin

IR-REWWIXTA TAL-QASSISIN
(Dramm f' żewġ Atti u sitta u għoxrin Xena)

JIEĦDU SEHEM

MONSINJUR ISQOF LABINI, spettatur tad-dramm fid-dramm
RETTUR, kittieb u direttur tad-dramm
ĠEJTANU MANNARINO, għoxrin sena wara r-rewwixta
ĊETTA, koka fil-kunvent bħala Mara Sekulari
KARMENA, fattiga fil-kunvent bħala Mara Sekulari
FRANCESCO PANZAVECCHIA, seminarist bħala Pellerano u l-Vigarju
FEDELE SULTANA, seminarist bħala l-Granmastru Ximenes
ĠEJTANU GATT, seminarist bħala Gejtanu Mannarino
ĠUŻEPPI GRECH, seminarist bħala Qassis
TONI BUHAGIAR, seminarist bħala Qassis
ĠUŻÈ BAJADA, seminarist bħala Kavallier
SPIRU CARDONA, seminarist bħala Kavallier
LELI ATTARD, seminarist bħala Raġel Sekulari
GIRGOR XERRI, seminarist bħala Raġel Sekulari
SALVU ŻARB, seminarist idoqq il-pjanu
ĊENSU FARRUGIA, seminarist idoqq il-vjolin
ĠILORMU CAMILLERI, seminarist idoqq il-klarinett

# L-EWWEL ATT

*Meta tinfetaħ il-purtiera ħafna mill-atturi jkunu diġà fuq il-palk. Dawn jinkludu lil żewġ qassisin flimkien ma' Gejtanu Mannarino; żewġ kavallieri u l-Granmastru Ximenes; l-Isqof Pellerano u żewġt irġiel sekulari.*
*Il-palk ikun vojt għajr ftit siġġijiet fil-ġenb u xi tnejn fin-nofs fuq wara. Wieħed mis-siġġijiet tal-ġenb lemin ikun isbaħ mill-oħrajn. Fuq wara xellug ikun hemm platform bi pjanu, vjolin, klarinett fuqha u t-tliet mużiċisti f'posthom.*

## 1. INTRODUZZJONI MIR-RETTUR

*Ir-Rettur jagħmel introduzzjoni għax-xogħol li se jippreżentaw. Għall-ewwel ħadd mill-atturi ma jitkellem. Imma waqt li jitkellem ir-Rettur, jirranġaw 'il xulxin; jagħmlu xi ftit irtokk qishom qegħdin fid-dressing room, u jirranġaw ħwejjeġ xulxin. Kultant jagħmlu reazzjoni, kollettivament jew individwalment.*

RETTUR: Sinjuri, bħala r-Rettur tas-Seminarju għandi l-pjaċir nistidinkom għal lejla ta' divertiment.*(patronizzanti)* Is-soltu, bħala drawwa, hekk kif is-seminaristi ċkejknin tagħna jtemmu l-eżamijiet tagħhom, iħejju maskra kbira, sfortunatament xbiha tiegħi, biex wara, bħala radd il-ħajr '1 Alla tas-sena studju li għaddiet minn fuqhom, joħorġu biha fit-toroq ta' l-Imdina, javveluni ma' kulħadd.
Din id-drawwa kien jeħtieġ li tinqata'; mhux biss għax jien personalment kont nispiċċa l-vittma ta' l-isfog tagħhom imma wkoll għax ħafna enerġija u ħin prezzjuż kienu qegħdin jinħlew fuq maskra li fuq kollox kienet tispiċċa maħruqa f'nofs pjazza fost ħafna twerżieq u daħk infantili. Żgur li hemm forom aħjar kif nagħmlu użu mill-ħin tagħna. *(Jinstema' daħk ġej mill-atturi. Ir-Rettur idur fuqhom)* Ilkoll qablu miegħi.

Mindu nfetaħ is-Seminarju għat-taħriġ tal-kleru m'għadx hawn iżjed injoranza fostna l-qassisin. M'għadniex bħal dari fejn ħafna minna kienu jkunu kważi llitterati għalkemm minn dejjem konna rispettati. Issa lkoll sirna għorrief fit-teoloġija, ilkoll nafu nitkellmu sew bil-Latin.

Grazzi għar-riformi li għamel il-maħbub Granmastru tagħna De Rohan (naturalment bi ftehim mal-Papa Piju Sitta, Alla jaħfirlu), id-dħul ta' studenti tat-teoloġija naqas bin-nofs, u dan tana l-opportunità li ntejbu l-livell. Xhieda ta' kemm tjieb il-livell ġewwa s-Seminarju se jkun ix-xogħol li se nurukom il-lejla.

*L-atturi jċapċpu.*

Isimgħuhom x'entużjażmu. *(iwaqqafhom)* Flimkien, jien u n-novizzi li qegħdin taraw hawn fuq il-palk, qbadna l-ġrajja li seħħet eżattament għoxrin sena ilu fl-1775, meta nerġa' nfakkarkom iż-żminijiet ma kinux bħal-lum; meta l-qassisin sħabna, bl-appoġġ tal-poplu Malti, qamu bi ħġarhom kontra t-tmexxija tal-mejjet iżda qatt mibki...*(l-atturi jidħku ħlief Ximenes li jiġi mbuttat 'il quddiem)* skużawni...tal-mejjet iżda qatt minsi, il-granmastru Francesco Ximenes di Texada.

*L-atturi jibbuwjaw.*

XIMENES: Imma jien x'tort għandi jekk sibt ruħi nħabbat wiċċi ma' diżastru li ħalla warajh dak ta' qabli?
ATTUR 1: Mhux skuża.
ATTUR 2: Imissek m'aċċettajtx il-ħatra.
ATTUR 3: Tgħid mhux hekk. Huwa għoġbok il-poter.

*Ir-Rettur iwaqqafhom.*

RETTUR: L-attur li se jaħdem il-parti ta' Ximenes kien qed jgħid għall-Granmastru Manwel Pinto di Fonseca li bħall-aristokratiċi ta' żmienu qatt ma sema' l-ilmenti tal-poplu. Fi tletin sena li Malta għamlet taħt idejh, marret lura bħal granċ. Forsi hawn xi wħud fostkom il-lejla li l-memorja tiegħu għadha tidwi f'moħħhom. Forsi xi darba weġġagħkom. Imma 'l min ma weġġax Pinto. Imma dik storj'oħra. Daqshekk fuq Pinto għalissa.

*Pawsa.*

Sinjuri, għal din l-okkażjoni għandi l-pjaċir ngħidilkom li għandna magħna l-Isqof preżenti Monsinjur Isqof Labini li għoġbu jilqa' l-istedina li għamilnielu biex jiġi hawn fostna l-lejla. Kien ukoll mistieden il-Granmastru De Rohan, imma b'dispjaċir kbir ma setax jattendi minħabba li għandu xi taħdidiet ma' uffiċjali għolja ġewwa r-Russja.

Aħna minn hawnhekk qegħdin nawgurawlu minn qalbna li bl-għaqal u bid-dehen li dejjem wera, iseħħlu jasal x'imkien magħhom. Kulħadd jaf kemm huma xħaħ dawn meta jiġu biex jagħtuk xi ħaġa. Madankollu bagħat jixtiqilna suċċess. Bgħatna wkoll stedina lill-Inkiżitur Monsinjur Carpegna imma bagħat jgħidilna li aktar kuntent joqgħod bi kwietu f'soddtu ġewwa l-palazz tiegħu fil-Birgu milli jieħu triq twila s' hawn. Jiddejjaq ukoll jivjaġġa bil-lejl, qalilna. Imma aħna b' daqshekk ma ħadniex għalina. Ma ppretendejniex li kull stedina l'għamilna kienet se tintlaqa'. Fuq kollox ix-xitan ukoll jagħmel ħafna stedin għad-dnub u mhux kulħadd jilqagħhom.

*L-atturi jitbissmu. L-atturi issa jkunu kważi lesti minn kollox, jibdew jitqassmu fi klikek, ta' qassisin, kavallieri, u sekulari.*

Lill-Eċċellenza Monsinjur Isqof Labini, ħsibnielu għal post speċjali hawn fuq il-palk stess. Bħala l-mistieden speċjali tagħna, se jkun jista' jsegwina aktar mill-qrib. Nitlob lil Monsinjur Vincenzo Labini joħroġ hawn barra u jieħu postu fuq it-tron li ħejjejnielu.

*Mużika ċerimonjali. L-isqof Labini jidħol b' solennità u joqgħod bil-qiegħda. L-atturi jagħmlu reverenza quddiemu.*

Sinjuri, illum se taraw ftit minn kollox. Reċtar, kant, żfin...

LABINI: Żfin!

RETTUR: *(jinjorah)* L-aħħar ħaġa. Infakkarkom li dawn li se taraw il-lejla mhumiex xi atturi professjonali Taljani li l-Granmastru kull tant żmien iġibilna fil-gzira biex ipaxxuna bit-talenti tagħhom ħa jkollna biex nistagħġbu. Ħadd minnhom ma ħadem fuq palk qabel; ħadd minnhom ma qatt rifes fuq il-palk tat-Teatru Manoel; ikkumpatuhom jekk juru ftit nuqqas ta' teknika.

## 2. IR-RETTUR JINTRODUĊI L-KARATTRI

RETTUR: U issa wasal il-ħin li nlaqqagħkom ftit ma' l-atturi tiegħi. Iż-żewġ novizzi li għandna fin-nofs qishom żewġ maħbubin, iżommu idejn xulxin *(l-atturi tan-nofs jitilqu idejn xulxin b'mistħija)* huma Francesco Panzavecchia u Fedele Sultana. Francesco, bħala bniedem ta' demm nobbli, kien jixraqlu ferm li jaħdem il-parti ta' l-Isqof Pellerano, u hawn ta' min jirringrazzja lil Monsinjur Labini li għoġbu jislifna l-kostum li dan l-attur hu liebes. Sultana, bniedem żorr min-natura, ma setax ikun aktar addaddat biex jaħdem il-parti tal-Granmastru Francesco Ximenes de Texada.

XIMENES: Qed inwissik Pellerano, il-kaċċa tal-fenek tal-liebru hija projbita. Min jinqabad jikkaċċja, jittieħdu passi kontrih. Jeħtieġ li ntuhom żmien jgħammru u jitgħammru għax jispiċċaw fix-xejn u ma jkollna xejn laħam x'nitimgħu 'l-fqar. Aħna dmjrna hu li naraw li l-liġi tiġi mħarsa u 'l ħadd m'aħna se nħallu jiksirha.

PELLERANO: Liġi u mhux liġi m'iniex fi ħsiebni nsegwiha, Ximenes. Dawn il-qatta fniek qegħdin jagħmluli wisq ħsara fl-għelieqi tiegħi, u dan qatt ma jien se nippermettih.

*Jieqfu ħesrem u jerġgħu jaqbdu idejn xulxin.*

RETTUR: Kif qegħdin taraw dawn iż-żewġt irjus kbar xejn ma kienu jinġiebu bejniethom - isejħu 'l xulxin mingħajr titli, b'kunjomhom, qishom il-kappillan tar-raħal qed jagħmel ir-rassenja tat-tfal tad-duttrina; jitgħajru bejniethom, jheddu li jirrapurtaw 'il xulxin lill-Papa... Bħalissa qegħdin kwieti, iżommu idejn xulxin; mhux għax jinħabbu; imma bħala simbolu mixtieq ta' għaqda dejjiema bejn Knisja u Stat li għall-grazzja tal-ħanin Alla bħalissa lkoll qed ingawdu; dejjem grazzi għall-maħbub Granmastru għażiż tagħna Manwel de Rohan Polduc...

*L-Isqof Labini jqaħqaħ.*

RETTUR: U m'hemmx xi ngħidu, grazzi wkoll għall-Isqof barrani preżenti Monsinjur Labini li bis-skiet tiegħu għen ħafna biex l-affarijiet jimxu 'l quddiem.

*Pawsa.*

Issa ngħaddu għal tliet persunaġġi oħra, tliet novizzi li se jaħdmu partijiet ta' qassisin. Nitlob li jersqu 'l quddiem ħa narawhom aħjar. Wieħed minnhom, Gejtano Gatt huwa bin ħaddiem, għalkemm min mhuwiex f'dawn iż-żminijiet. Gejtano ġej minn familja fqira; batiet il-ġuħ bil-bosta fi żmien Pinto u Ximenes.

MANNARINO: M'aħniex se nħalluhom jgħadduna biż-żmien iżjed. Issa wasal il-waqt li nqumu għalihom, l-aħwa, u niġġieldu għad-drittijiet tagħna.

*Xi wħud mill-atturi jċapċpu.*

RETTUR: Kif qed taraw, bħala attur ftit għandu x'joffri. Wisq melodrammatiku u emozzjonali. Biżżejjed ngħidilkom li kemm ilna bil-provi sar jitkellem bħalu, biex ma ngħidx sar jemmen li hu Mannarino, avolja lanqas fih daqs nofsu fid-daqs. Li ma kinitx għall-insistenza tiegħu, il-parti kont intiha lil Ġużeppi Grech li fil-fehma tiegħi kien aktar kapaċi jqaxxar il-parti.

MANNARINO: U dawn x'jaħsbu li huma għax għandhom it-tmexxija f'idejhom. Jaħsbu li jistgħu jżebilħuna u jinsulentawna kemm iridu, dan kollu għax jafu li fiċ-ċokon tal-posizzjoni tagħna niddependu minnhom u ma nistgħux għalihom. Imma l-aħwa, hemm bżonn nuruhom li m' aħniex vaż. Ma nħalluhomx jgħidu li jridu fuqna.

*L-atturi jċapċpu u jsaffru lir-Rettur.*
*L-isqof Labini jidħak. Ir-Rettur iħares bl-ikrah, jifhem li l-kliem kien immirat għalih. Issa jibda jħaffef biex ifittex jeħles l-introduzzjonijiet.*

RETTUR: Flimkien ma' Mannarino qegħdin naraw żewġ novizzi, Ġużeppi Grech, li diġa semmejt, u Toni Buhagiar. Dawn iż-żewġ novizzi ma ridux jieħdu sehem għax qalu li ma setgħux ilaħħqu ma' l-istudju u mal-provi. Għalija, min hu bieżel, ilaħħaq ma' kollox. Imma ħadthom ftit bil-ħlewwa u rnexxieli nirbaħ is-servizzi tagħhom. Biex ma ngerrixhomx tajthom partijiet minuri ta' żewġ qassisin...

*L-Isqof Labini jsejjaħlu. Ir-Rettur jersaq lejh.*

QASSIS 1: Biex inkunu għidna kollox, aħna ma ridniex nieħdu sehem għax l-idea li noqogħdu nduru mat-toroq ta' l-Imdina b' maskra xbieha tiegħu togħġobni iżjed minn dan il-ħela ta' ħin.

QASSIS 2: U r-raġuni li ħadna sehem kienet għax hu heddidna li jwaħħalna mill-eżamijiet u mhux għax ħadna ftit bil-ħlewwa.

RETTUR: *(jerġa' jersaq lejn in-nofs)* Skużawni. Inlaqqagħkom issa ma' Ġużè Bajada u Spiru Cardona li se jaħdmu l-partijiet ta' żewġ kavallieri, li dak iż-żmien kienu anti-klerikali, qalbhom ħażina, żorri, suppervi, moħħhom fin-nisa u jobogħdu l-Maltin. Il-kurazzi li libsin huma ta' żewġ kavallieri li fil-fatt ħallew ħajjithom fi żmien l-Assedju.

*Pawsa.*

Ngħaddu issa għas-sekulari, li se jaħdmu bosta partijiet fosthom ħbieb ta' Mannarino, bdiewa, nies fqar, xewwiexa, għedewwa, lagħqa tal-granmastru, prostituti...

LABINI: X'inhu!

RETTUR: Tikkonfondix Monsinjur, m'hemmx xeni skabrużi. Mela sinjuri, il-lejla għandna wkoll lil Leli Attard u Girgor Xerri li se jaħdmu l-partijiet ta' l-irġiel, u fil-partijiet tan-nisa...

LABINI: Nisa! Alla tal-ħniena.

RETTUR: Serraħ rasek Monsinjur. Iż-żewġ nisa li se naraw il-lejla, jaħdmu magħna fil-kunvent. L-imġiba tajba tagħhom nista' naħlef għaliha jien kif ukoll kull ruħ tajba li tgħammar f'dal-kunvent. Qatt ma wasluli rapporti dwarhom. Qatt ħadd ma ġie jgħidli li ppruvaw iwaqqgħuh fid-dnub jew ittantawh. Barra minn hekk, dawn iż-żewġ nisa tant huma xjuh li żgur li ħadd m'hu se jitlef għaqlu fuqhom.

*Jidħlu ż-żewġ nisa, mistħija u beżgħana min-nies.*

Sinjuri, inlaqqagħkom ma' Ċetta l-koka u Karmena l-fattiga. (*l-atturi jsaffru; Ċetta u Karmena jitbaxxew għall-applaws*). Dawn iż-żewġ nisa, li jiġu ommna fiż-żmien; ġentilment

aċċettaw li jieħdu sehem fix-xogħol tal-lejla bla ebda ambizzjonijiet u pretensjonijiet. Għalhekk sinjuri, nitlobkom tikkumpatuhom jekk igerfxu xi ftit il-linji.

*Pawsa.*

Fl-aħħarnett, ħafif ħafif, nixtieq inlaqqagħkom mat-tliet novizzi li se jipprovdulna l-mużika. Sinjuri, fuq il-pjanu għandna ’l Salvu Żarb li ilu jdoqqu mindu waqgħetlu żokortu. *(Salvu Żarb idoqq noti fuq il-pjanu).* Fuq ix-xellug tiegħu għandna lil Ċensu Farrugia fuq il-vjolin (*Ċensu Farrugia jdoqq biċċa vjolin stunata)* li kif tistgħu tisimgħu għadu fil-bidu tal-karriera mużikali tiegħu; u fl-aħħarnett fuq il-lemin ta’ Ċensu għandna ’l Ġilormu Camilleri fuq il-klarinett. (*Ġilormu Camilleri jdoqq biċċa klarinett)*

*Pawsa.*

RETTUR: Issa li laqqajtkom ma’ kull min se jieħu sehem f’dan id-dramm, imiss li nibdew. Niskuża ruħi jekk forsi l-introduzzjoni tiegħi ħadet xi ftit fit-tul iżżejjed, imma nħoss li mingħajrha ma kontu tifhmu xejn. Għalhekk issa sejjer nissieħeb magħkom biex flimkien insegwu dan ix-xogħol li għalkemm teknikament huwa xi ftit batut, xorta jibqa’ prodott li qegħdin nippreżentawlkom minn qiegħ qalbna. Grazzi.

*Ir-Rettur ibaxxi rasu għall-applaws. Joqgħod bil-qiegħda. Iżomm skript f’ idejh.*

## 3. Il-FAQAR TAL-MALTIN

MANNARINO: (*jkellem lil Pinto li mhuwiex preżenti*) Granmastru Manwel Pinto de Fonseca, kif tista’ tibqa’ sieket għal dan kollu. Oħroġ daqsxejn mill-kenn tal-palazz lussuż tiegħek u dur dawra mat-toroq tal-Belt; tbiegħed, mur dur dawra fl-irħula u isma’ ftit b’widnejk stess it-tgergir li qed isir dwarek.
RAĠEL 1: (*bit-tmejjil*) Tantx tħalliha tikber rasek Maestà, għax tinfaqa’.
RAĠEL 2: Tistħajlekx xi imperatur Franċiż.
MARA 1: Oqgħod attent fejn tirfes oh kbir sultan tagħna li ma tħammiġx iż-żarbun bit-tajn.
MARA 2: Ara fejn timxi li ma taqax f’xi ħofra u ttebba’ ħwejġek.
MARA 1: Tantx tabbuża toħroġ fit-toroq għax ittir xi daħna trab għal għajnejk....
MARA 2: (*ħamalla*) Imbagħad ma taranix sew mixħuta quddiemek, nistenna xi wieħed bħalek iżommni kuntenta b’ xi par dirgħajn xierfa...u bi ftit flus.

*L-Isqof Labini jitkerrah; l-atturi jitbissmu.*

MARA 1: Arawha miskina kif spiċċat oħti, kienet xebba mill-isbaħ, tbigħ il-ġmiel, arawha kif spiċċat, tbigħ ġisimha.

*Leħen l-atturi jsir żorr.*

RAĠEL 1: Issa xbajna f’dal-faqar, nieklu xgħir u ħarrub...
RAĠEL 2: U inti titpaxxa bil-linef tal-kristalli u bil-pitturi li sraqt ’il-Ġiswiti.
RAĠEL 1: Aħna ngħoddsu fil-ħama u inti tixxala bil-flejjes tal-kaxxa ta’ Malta.
RAĠEL 2: Issa ddejjaqna nibagħtu n-nisa tagħna jqallbu fil-laned taż-żibel wara bibien il-kavallieri.
RAĠEL 1: Int paxxut fil-ġid tad-dinja, u aħna nitkarrbu għal biċċa ħobż.
MARA 1: Nixtieq inkun ta’ raġel wieħed u mhux ta’ kull kavallier li hawn jiġġerra fit-toroq *(tintelaq fuq Raġel 2)*
RAĠEL 1: Irridu lura l-flus kollha li berbaqtilna.
RAĠEL 2: Irridu lura kull skud li kellna mfaddal fil-bank tal-qamħ.
MARA 2: Irridu x’ nitimgħu ’l uliedna.
MARA 1: Irridu xogħol għal żwieġna.
MARA 2: Irridu djar sura fejn ngħammru.
RAĠEL 1: Irridu l-qamħ bi prezz ġust.
RAĠEL 2: Irridu tnaqqis fit-taxxi.
RAĠEL 1: Irridu sehem fit-tmexxija ta’ gżiritna.
RAĠEL 2: Irriduk twarrab ħa tagħmel wisa’ għal granmastru iżgħar.
MARA 1: Irridu li l-ġid ta’ pajjiżna jinqasam bejnietna lkoll.
MARA 2: Irridu ’l Ximenes.

QASSIS 1: *(jidħol magħhom; jgħajjat bħalhom)* Irridu l-użwaljanza għax aħna lkoll ulied Alla; ilkoll ħalaqna xbieha tiegħu.

*Kulħadd jieqaf ħesrem iħares lejh. Qassis 1 ikompli jaħseb li għandu xi nkoraġġiment.*

QASSIS 1: *(bi tmasħin)* Għalina Pinto tista' tifga fil-ġid kollu tad-dinja għax b'daqshekk m'intix se ssewdilna qalbna jew trattabilna r-rieda soda l'għandna. Aħna wlied il-ħaddiema, ilkoll trabbejna fil-faqar, u għalhekk il-faqar ma jbeżżagħniex. Aħna qalbna qawwija għax it-tama tagħna f'Alla, qiegħda għax huwa jitmagħna l-ħobż tal-ħajja u mhux jisqina mrar, kif tagħmel int.

*Is-Sekulari jċapċpu sfurzat. Imbagħad iduru miegħu.*

RAĠEL 1: Ma tantx tidher batut int.
MARA 1: (*filwaqt li togħroklu żaqqu*) Alla jbierek, kif trabbiet din is-sonża kollha?
MARA 2: Kemm ilek ma torqod bi stonku vojt?
RAĠEL 2: Tiftakru l-aħwa kif kien spiċċa San Stiefnu?

*Qassis 1 jersaq lura; jibda jibża'; jagħtihom il-barka.*

QASSIS 1: Il-Mulej magħkom. (*huwa u riesaq lura jaħbat ma' Qassis 2*)
QASSIS 2: X' ġaralek, x' int eċċitat?
QASSIS 1: Donnu kulħadd qed jitlef rasu, bilkemm ma ridux iħaġġruni.
QASSIS 2: (*bid-daħka*) Rajtek hux, u aħna morna nidħlu novizzi biex kulħadd jibda jħarsilna bl-ikrah. Għandikun għadda ż-żmien li kif jaraw saċerdot għaddej fit-triq imorru jiġru jbusulu idejh u jitolbuh ibirikhom. (*joħorġu)*
RAĠEL 1: Kif tistgħu tqisu ruħkom magħna jekk intom ma tafux x' jiġifieri tbatija. Intom mhux għalina tiġġieldu imma għall-interessi tagħkom. X' tiġu taqgħu u tqumu minna. Araw min għandkom magħkom, qatta sinjuri; araw hemmx xi wieħed fostna, bħalna, li tilqgħuh b'idejkom miftuħin. Intom ilkoll pezza waħda; m'hemmx x' tagħżel bejnkom u bejn Pinto u l-kavallieri. *(f'wiċċ Labini)* Qed ngħid għalik ukoll Monsinjur Isqof... (*Labini jisserdaq, ir-Rettur jagħmillu sinjal li Pellerano qiegħed banda oħra*) Pellerano.

*Labini jistrieħ.*

KOLLHA: *(ikantaw)* Irridu li s-sinjuri jħallsu t-taxxi bħalna
u jagħmlu għassa bħalna, w jiġġieldu l-gwerer magħna
dawn biex isalvaw ġildhom u l-privileġġi tagħhom
dawn biex isalvaw flushom, ilkoll jingħaqdu magħkom,
jingħaqdu mal-kleru biex jinħbew għalenija
taħt dik l-umbrella, tal-knisja nisranija.
LABINI: *(jaqbeż fuq il-kelma "Knisja")* X' kienet din ta' l-umbrella? Jien ma nafx kif bħala Rettur tas-Seminarju tippermetti kliem bħal dan jingħad dwar il-Knisja.

*L-atturi jieqfu ħesrem.*

RETTUR: *(iqum)* Fhimt ħażin Monsinjur Isqof. Naturalment qegħdin jirreferu għal dawk li biex jevitaw it-taxxi u l-lieva, kienu jissieħbu magħna fl-ordnijiet reliġjużi tagħna, naturalment bi ħlas ta' ftit flus. Li kien mgħawweġ ma nistgħux ngħidu li kien dritt. Mhux hekk Monsinjur? Imm' issa m'hemmx xi ngħidu. Grazzi għall-ftehim li ntlaħaq bejn il-Granmastru preżenti u l-Papa, dawn l-abbużi issa kollha nqatgħu. (*lill-atturi*) Komplu.
RAĠEL 1: Ma nafx kif l-Isqof jippermetti....
RETTUR: Aqtagħha int! (*lill-udjenza*) Naħseb aħjar jaqtagħha barra dik il-linja. (*l-atturi jieqfu ħesrem, ma jafux kif se jkomplu*). Komplu....l-idea li tagħmlu rewwixta. (*Lil Labini*) Rajtek x' għamilt bl-intervent tiegħek Monsinjur. Skonċentrajthom.
RAĠEL 1: Issa daqshekk. Kemm se ndumu nservu ta' vaż għall-barrani.
RAĠEL 2: Din artna, għandna dritt ingawdu l-frott tagħha.
MARA 1: M'aħniex se nħallu 'l min jagħsarna iżjed.
MARA 2: Mela nqumu l-aħwa, nqumu u niġġieldu għax jekk le fil-ħama se nibqgħu ngħumu.
RAĠEL 1: Daqshekk se nibqgħu inservu ta' vaż, naqilgħu ġo rasna u nibqgħu b'fommna sieket.
RAĠEL 2: Se jkollok twarrab Pinto, bis-sewwa jew bid-dnewwa.

## 4. XIMENES JIPPROVA JIKKALMA L-FOLLA

*Ximenes jidħol f'nofshom. Iwaqqafhom. Is-Sekulari jinfexxu f' ċapċip.*

RAĠEL 1: Viva Ximenes. Int il-feddej tagħna.
RAĠEL 2: Inti d-dawl għalina. Eħlisna minn dal-ħali li tgħabbejna bih.
XIMENES: Bil-mod ħuti Maltin, tgħaġġlux. Ħudu kollox bil-kalma. Iżżeffnux ħajjitkom fin-nofs fuq rewwixta kontra bniedem nofsu mejjet. Tħallux 'il min jinqeda bikom. Tiġġildux ġlidiet biex tpaxxu 'l ħaddieħor.
MANNARINO: (*jidħol f'nofs is-Sekulari*) Jekk qed tgħid għall-Isqof għażiż tagħna, qed tiżbalja Sur Kavallier. Monsinjur Isqof Pellerano għandu demm Malti fih u għalhekk jista' jifhimna aħjar minnkom. Jien naf kemm iħobbhom il-fqar u l-batuti. Qalli hu stess kemm tuġgħu qalbu meta jarahom ibatu.
XIMENES: Le, le. Kont qed ngħid għall-ambaxxatur Russu, il-Markiż Cavalcabo li issa ilu mat-tliet snin idur ma' saqajna. Naf fi żgur li qed jiġi jsefsfilkom kontrina l-kavallieri bl-iskop li jifridna u jagħmel kapital minnha. Tpaxxuhx. Tilagħbux ħajjitkom għalih. Dak ilu jistad biex idaħħal il-flotta Russa fil-port tagħna. Imma dan ma jkun qatt. Aħna r-Russi ma nħalluhomx jidħlu fl-ibħra tagħna....
RETTUR: Naturalment, ir-relazzjonijiet tagħna mar-Russja issa m' għadhomx li kienu. Mhux għax qatt xi darba kienu ħżiena niftiehmu. Fuq kollox, ma nistgħux nikkundannaw lir-Russja minħabba l-imġiba ta' bniedem wieħed. Sur Sultana, nixtieq infakkrek li bħalissa forsi f' dal-ħin ukoll, il-Granmastru għażiż tagħna De Rohan jinsab għaddej b' taħdidiet mal-gvern Russu, taħdidiet li jistgħu jagħtu l-frott. Kompli u oqgħod attent kif titkellem fuq ir-Russja.
XIMENES: (*jgħawweġ ftit l-istorja; jkompli fejn ħalla*)...Imma jekk hemm bżonn, nilqgħuhom b' idejna miftuħin għax dawn fuq kollox ġid nistgħu naraw minnhom. Il-Kżarina Katerina dejjem ippruvat tgħinna u għalhekk inqisuha bħala oħtna. Ir-relazzjonijiet tajbin li għandna mar-Russja fi ħsiebna nżommuhom minkejja it-tixwix li qed ixerred Cavalcabo.
RAĠEL 1: Imma aħna x'niġu naqgħu u nqumu mir-relazzjonijiet ta' bejn Malta u r-Russja.
RAĠEL 2: Aħna għajxien aħjar irridu.
MARA 2: Aħna xogħol għal żwieġna rridu u mhux l-ewwel tinqdew bihom fil-bini tal-proġetti tagħkom u issa għax m' għandkomx bżonnhom iżjed, xħettuhom 'il barra.
MARA 1: Sa spiċċajna niġġerrew mat-toroq, immorru ma' dak u ma' l-ieħor biex naqilgħu x'nieklu. *(tintelaq fuq Kavallier, joħorġu mgħannqin*)
RAĠEL 1: Ġibtuna tallaba.
RAĠEL 2: Anke l-loqom li kontu twaddbulna għax-xogħol li konna ntukom bl-għaraq ta' xbina fil-proġetti tagħkom issa ċaħħadtulna.
XIMENES: Nifhimkom. Imm' issa daqshekk. Ftit ieħor jonqoskom tissaportu. Pinto issa xjaħ. Illum jgħodd 'il fuq mid-disgħin sena. M' għadx fadallu wisq ħajja.
MANNARINO: U meta nkunu taħt riġlejk, kif sejjer timxi magħna?
XIMENES: Intom il-mimmi t'għajnejja; stennew ftit u taraw kif inserraħkom minn dawn it-tbatijiet kollha. Imma l-affarijiet jieħdu ż-żmien. Ma tistax tibni f' ħakka t' għajn dak li tfarrak fi tletin sena. Ikun jeħtieġ li naħdmu id f' id u nagħmlu ftit sagrifiċċji wkoll...
MARA 2: Aktar sagrifiċċji jonqosna nagħmlu. X' baqa' nagħmlu, noħorġu barra għarwenin, nieklu d-demel li jħallu warajhom iż-żwiemel tagħkom?
XIMENES: Sagrifiċċji żgħar. Afdawni. Tafu sewwa li dejjem għajnuna rajtu minni. Fejn ħtiġtuni dejjem sibtuni, u dejjem b'idejja miftuħin ilqajtkom. (*huwa u ħiereġ)* Afdawni. Issaportu ftit ieħor. Dalwaqt ikollkom lili.... *(Joħorġu warajh)*

## 5. TAĦDITA ĊKEJKNA BEJN LABINI U R-RETTUR

*Meta l-atturi joħorġu, l-Isqof Labini jsejjaħ lir-Rettur ħdejh.*

LABINI: Ma jidhirlekx li qegħdin jillaxkaw ilsienhom ftit iżżejjed l-istudenti tiegħek? Mhux għal xi ħaġa imma biss biss il-kelma 'važ' diġa qaluha xi erba' darbiet.
RETTUR: Tliet darbiet.
LABINI: Insomma. Qaluha kemm qaluha. Jekk trażżanhom ftit ikun ta' ġid għal kulħadd. Jien mhux għalija għax jien moħħi miftuħ u nieħu kollox biċ-ċajt, imma l-Inkiżitur...
RETTUR: Serraħ rasek fuq Monsinjur Carpegna. Ma tarax kemm jagħti każ, lanqas biss laqa' l-istedina tagħna biex jiġi hawn fostna. Fuq kollox, taf daqsi li l-Inkiżituri m' għadhomx xewka bħal dari, tilfu ħafna mis-saħħa li kellhom.
LABINI: Ma naqbilx miegħek. Jekk isib ma' xiex iqabbad difrejh malajr jibda jikteb Ruma u jaqlagħli ħafna nkwiet.

RETTUR: (*biċ-ċajt*) Mela nitolbok taħfrilhom Monsinjur Isqof jekk forsi l-entużjażmu qed jiġri xi ftit iżżejjed bihom.
LABINI: Tħallinix nuża s-setgħa li għandi. Tħallinix inwaqqaf kollox.
RETTUR: Ma tarax. U jekk ikun jaf il-Granmastru b'dan, żgur ma jiħux gost.
LABINI: Fuq kollox din is-serata saret bil-għan li nieħdu gost u nagħmlu xi ħaġa differenti mis-soltu. Mela tħallix l-affarijiet jikbru żżejjed.
RETTUR: Ikun li trid int Monsinjur. Issa wara l-ewwel att inkellimhom. *(jitlaq bla ma jistenna risposta*)

## 6. IL-FUNERAL TA' PINTO

*Jidħlu ż-żewġ Kavallieri jġorru tebut ta' Pinto; il-Granmastru Ximenes fuq quddiem, biswit l-Isqof Pellerano. Is-Sekulari jieħdu sehem f'mima u kant waqt il-funeral.*

SEKULARI: Mel'hawn Malta darba kien jgħix granmastru,
Li kien jistħajjel li hu xi pilastru;
Imm'agħtih jixxala u jitpaxxa fil-lussu,
U l-fqir ħlief xgħir u ħarrub ma kienx imissu.

Dan Pinto kien jistħajlu xi Re Luwiġi ta' Franza,
Imm'għall-ħaddiem Malti xejn ma kien ta' speranza,
għax bata l-għaks u l-ġuħ taħtu, tgħidilna l-Istorja,
filwaqt li huwa faga fid-duħħan tal-glorja.

Il-faqar u l-qgħad żdied, il-prezzijiet għolew,
nisa ħżiena saħansitra jiġru mat-toroq tħallew,
serq, ġlied u qtil kullimkien, nisa jittallbu karità,
is-sinjuri msieken sa kellhom ibigħu l-proprjetà.

U l-kleru għalqu għajnejhom għal dawn l-inġustizzji,
biex ma ngħidx għamlu bħalu, waqgħu fl-istess vizzji,
iddejnu kemm felħu biex isebbħu l-knejjes,
u baqgħu bla ma raddew xejn lura minn dal-flejjes.

Mel' ġorru kulma ssibu l-aħwa, skartaw ix-xogħol,
ħaddiem Malti ngħaqad, agħmel bħalhom pappiha wkoll.
Toqgħodx tibża' għax qiegħed tfotti naqra l-gvern,
B'daqshekk m'intix se tispiċċa tinħaraq fl-infern.

*Il-Kavallieri jwaqqgħu t-tebut tiegħu fl-art. L-isqof Pellerano jagħtih l-aħħar riti u joħroġ. Il-kavallieri joħorġu wkoll. Jibqa' biss Ximenes.*

SEKULARI: (*filwaqt li jduru mat-tebut ta' Pinto*)
'Il fuq minn tletin sena għaddejna taħtek,
narawk dejjem sejjer lura...lura f' saħħtek,
u ma tmut qatt, imm' issa żżejjed.
Pinto, kemm qed nieħdu gost narawk mejjet.

## 7. XIMENES JIĠI MAĦTUR GRANMASTRU

*Is-Sekulari joħorġu l-ġisem mejjet ta' Pinto mit-tebut. Ikunu se jkaxkruh ma' l-art. Ximenes iwaqqafhom.*

XIMENES: (*jitkellem bil-kalma*) Billi tkaxkruh ma' l-art m'intom se tieħdu xejn. Issa Pinto ntemm u ntemm miegħu r-renju tiegħu. Ħalluh jistrieħ fil-paċi ta' dejjem. Issa ma jistax jagħmlilkom aktar deni. Issa li r-responsabbiltà ta' granmastru se taqa' fuqi irrid intennilkom il-ħalfa li dejjem għamiltilkom. Li ngħinkom u li niddedika ħajti biex intejbilkom l-għajxien tagħkom. Minn issa stess irrid nurikom li l-lussu żejjed u l-ħwejjeġ sbieħ ma jagħmlux bija. *(jinża l-libsa lussuża li jkollu fuqu u jagħtiha lin-nies*) Mela l-aħwa, naħdmu flimkien u taraw kif jirnexxielna nibnu Malta ġdida.

*Is-Sekulari jċapċpu, jerfgħuh fuq l-idejn u joħorġu bih fost ħafna għajjat ta' 'Viva Ximenes'.*